**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 63**

L-Erbgħa, 30 ta’ Novembru 2022

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fid-9.30 a.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**ATTENDENZA**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, il-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Clayton Bartolo u s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali l-Onor. Alison Zerafa Civelli kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. David Agius, l-Onor. Randolph De Battista, l-Onor. Katya De Giovanni u l-Onor. Justin Schembri kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

Il-Ministru għall-Anzjanità Attiva l-Onor. Jo Etienne Abela* u is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej l-Onor. Chris Bonett, l-Onor. Carmelo Abela**, l-Onor. Romilda Baldacchino Zarb, l-Onor. Ivan J. Bartolo, l-Onor. Ryan Callus u l-Onor. Stanley Zammit kienu skużati.

Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela, il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali l-Onor. Aaron Farrugia, ~~il-Ministru għall-Anzjanità Attiva l-Onor. Jo Etienne Abela~~*, is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Rebecca Buttigieg, is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Alicia Bugeja Said, ~~l-Onor. Carmelo Abela~~**, l-Onor. Chris Agius, l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea, l-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Glenn Bedingfield, l-Onor. Abigail Camilleri, l-Onor. Adrian Delia, l-Onor. Omar Farrugia, l-Onor. Cressida Galea, l-Onor. Alex Muscat, l-Onor. Chris Said, l-Onor. Mark Anthony Sammut, l-Onor. Davina Sammut Hili, l-Onor. Stephen Spiteri, l-Onor. Ian Vassallo u l-Onor. Julie Zahra kienu assenti.

**vide minuti tas-seduta 74 tal-Erbgħa 11 ta’ Jannar 2023*
***vide minuti tas-seduta 72 tat-Tnejn 9 ta’ Jannar 2023*

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta 62 li saret fid-29 ta’ Novembru 2022 kienu konfermati.

**MISTOQSIJIET**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont ftehim milħuq fis-seduta tal-ġurnata ta’ qabel, din is-seduta kellha tkun mingħajr mistoqsijiet.

**MOZZJONIJIET**

**85. MOZZJONI BIEX TEMENDA L-AVVIŻ LEGALI 201 TAL-2022 - REGOLAMENTI TAL-2022 DWAR IL-BILANĊ BEJN IX-XOGĦOL U L-ĦAJJA PRIVATA GĦALL-ĠENTURI U GĦALL-PERSUNI LI JINDUKRAW**

L-Onor. Graziella Attard Previ pproponiet:

Billi d-Direttiva tal-Bilanċ bejn il-Ħajja u x-Xogħol li nnegozja l-MPE David Casa fl-2019 kellha tidħol u fil-fatt daħlet fis-seħħ bis-saħħa tal-Avviż Legali Nru 201 tal-2022 – Leġiżlazzjoni Sussidjarja 452.125 f'Awwissu 2022;

Billi l-programm elettorali tal-Oppożizzjoni għall-elezzjoni ta' Marzu 2022, l-Oppożizzjoni kienet ħejjiet u pproponiet pakkett ta' miżuri li jippromwovu l-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol;

Billi dawn il-miżuri huma importanti għall-kwalità tal-ħajja tal-familja;

Billi huwa importanti li tiġi indirizzata l-caring gap li teżisti bejn il-mara u r-raġel, li ħafna drabi twassal għall-inugwaljanza ekonomika bejn is-sessi;

Billi miżuri bħal dawn jgħinu fit-tnaqqis tad-disparità bejn is-sessi fejn jidħlu l-ħlas, il-pensjonijiet u l-opportunitajiet fil-karriera;

Billi miżuri li jippromwovu bilanċ aħjar bejn il-ħajja u x-xogħol jistgħu jindirizzaw ukoll il-problema prevalenti tar-rata baxxa ta' trabi li qegħdin jitwieldu f'Malta, li hija fost l-aktar baxxa mill-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea;

Billi dawn il-miżuri huma ta' investiment fil-familji Maltin u Għawdxin, investiment li biex ikun l-aktar effettiv, il-Gvern għandu jerfa' l-piż finanzjarju tagħhom;

Billi l-Gvern daħħal dawn il-miżuri ftit jiem qabel id-data tal-skadenza li magħha kien marbut skont id-Direttiva (EU) 2019/1158, u l-miżuri li ġew implimentati permezz tal-imsemmi Avviż Legali Nru 201 tas-sena 2022 huma l-minimu li titlob id-Direttiva;

Billi familji li diġà għandhom wild taħt it-tmien snin m'għandhomx jiġu esklużi mill-benefiċċji taħt dan l-Avviż Legali, anke jekk l-imsemmi wild twieled qabel id-data tad-dħul tal-Avviż Legali;

Billi ċerti miżuri taħt l-Avviż Legali għandhom ikunu iktar ġenerużi, flessibbli, u inklussivi;

Billi s-soċjetà ċivili esprimiet diżappunt dwar il-fatt li t-traspożizzjoni tad-Direttiva fil-Liġi Maltija ma tirriflettix l-ispirtu tad-Direttiva u ċerti miżuri setgħu jipproduċu effetti kuntrarji għall-għan ġenerali tad-Direttiva;

Billi l-Oppożizzjoni minnufih kitbet liċ-Chairpersons tal-Kumitat Parlamentari tal-Familja kif ukoll tal-Kumitat Parlamentari dwar l-Affarijiet Soċjali, u talbet biex issir laqgħa konġunta li matulha jiġi diskuss l-imsemmi Avviż Legali, filwaqt ġiet offruta l-opportunità għall-istakeholders ewlenin sabiex jattendu u jsemmgħu leħinhom;

Billi l-proċess ta' konsultazzjoni li wettqet l-Oppożizzjoni mal-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili wassal sabiex jiġu ppreparati emendi għall-imsemmi Avviż Legali, liema laqgħat saru mal-Kamra

tal-Kummerċ, il-GRTU, il-UĦM, il-GWU u rappreżentanti tal-NGOs li ħarġu stqarrija konġunta dwar l-imsemmi Avviż Legali Nru 201 tal-2022 Leġiżlazzjoni Sussidjarja 452.125;

Għal dawn ir-raġunijiet prinċipali u oħrajn li l-Oppożizzjoni tkellmet dwarhom pubblikament, jeħtieġ għalhekk illi l-Avviż Legali Nru 201 tal-2022 – Leġiżlazzjoni Sussidjarja 452.125 għandu jiġu emendat u għalhekk din il-Kamra tirrisolvi u tiddeċiedi li l-Avviż Legali Nru 201 tal-2022 – Leġiżlazzjoni Sussidjarja 452.125 ikun emendat b'tali mod li jipproteġi u jirrifletti aħjar l-ispirtu tad-drittijiet mogħtija lill-familji Ewropej u li huma mnaqqxa fid-Direttiva (UE) 2019/1158.

Għaldaqstant din il-Kamra tirrisolvi li r-Regolamenti tal-2022 dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja privata għall-Ġenituri u għall-Persuni li jindukraw – Avviż Legali Nru 201 tal-2022 – Leġiżlazzjoni Sussidjarja 452.125 – għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Is-subregolament (2) tar-regolament 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

   "(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ b'effett mill-1 ta' Awwissu 2019."

   u fil-verżjoni bil-lingwa Ingliża għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

   "(2) These regulations shall be deemed to have come into force with effect from the 1st August 2019.".

2. Is-subregolament (1) tar-regolament 4 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

   "**4**. (1) Il-missirijiet jew, it-tieni ġenituri ekwivalenti, għandhom id-dritt għal-leave tal-paternità ta' għaxart ijiem (10) tax-xogħol, mingħajr ebda telf ta' pagi, li għandhom jitħallsu mid-Direttur tas-Sigurtà Soċjali u għandhom jittieħdu fl-okkażjoni tat-twelid, jew addozzjoni tal-wild, wara t-twelid, jew l-addozzjoni tal-wild:

   Iżda b'effett mill-1 ta' Jannar 2024 l-imsemmija għaxart ijiem (10) tax-xogħol għandhom jiżdiedu għal ħmistax-il jum (15) tax-xogħol."

   u fil-verżjoni bil-lingwa Ingliża għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

   "**4**. (1) Fathers or, equivalent second parents, have the right to paternity leave of ten (10) working days, which shall be paid by the Director of Social Security and shall be taken on the occasion of the birth or the adoption of the worker's child, after the birth or the adoption of the child, without loss of wages:

   Provided that with effect from 1 January 2024 the said ten (10) working days shall increase to fifteen (15) working days.".

3. L-ewwel proviso tas-subregolament (l) tar-regolament 6 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

   "Iżda l-leave tal-ġenituri għandu jitħallas mid-Direttur tas-Sigurtà Soċjali għall-perjodu ta' xahrejn (2) ikkalkolat pro rata tas-salarju bażiku medju fix-xahar ippubblikat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika għall-kwart preċedenti u sakemm il-wild jilħaq l-età ta' tmien (8) snin u l-leave tal-ġenituri għandu jitħallas kif ġej:"

   u fil-verżjoni bil-lingwa Ingliża għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

   "Provided that parental leave shall be paid by the Director of Social Security for a period of two (2) months, calculated pro rata of the average monthly basic salary published by the

National Statistics Office for the previous quarter until the child attains the age of eight (8) years and parental leave shall be paid as follows:".

4. It-tielet proviso tas-subregolament (1) tar-regolament 6 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Iżda wkoll il-leave tal-ġenituri ma jistax jiġi trasferit."

u fil-verżjoni bil-lingwa Ingliża għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Provided further parental leave cannot be transferred.".

5. Ir-raba' proviso tas-subregolament (1) tar-regolament 6 għandu jiġi mħassar.

6. Is-subregolament (3) tar-regolament 6 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Id-Direttur Ġenerali responsabbli għall-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali għandu jżomm rekord tal-leave tal-ġenituri mogħti lil kull ħaddiem u għandu fuq talba tal-ħaddiem li tista' ssir ukoll wara t-terminazzjoni tal-impjieg, jgħaddi lill-ħaddiem dikjarazzjoni bil-miktub tal-leave, fi żmien ġimagħtejn (2) mit-talba li għandha ssir bil-miktub."

u fil-verżjoni bil-lingwa Ingliża għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) The Director General of Employment and Industrial Relations shall be bound to keep a record of the parental leave for every worker, and shall, on the demand of the worker which may be made even after termination of employment, deliver to the worker a written statement of the leave to the worker, within two (2) weeks of a written request.".

7. Is-subparagrafu (b) tas-subregolament (2) tar-regolament 8 għandu jiġi sostwit b'dan li ġej:

"(b) meta ma jkunx jista' jinstab sostitut fil-perjodu ta' avviż mogħti mill-impjegat, dment li l-prinċipal għandu jikkonsulta mal-ħaddiem biex jiġu stabbiliti dati alternattivi meta dak il-leave jista' jittieħed, b'mod li jiġi evitat il-posponiment indefinit tal-leave tal-ġenituri li jkun ġie mitlub;"

u fil-verżjoni bil-lingwa Ingliża għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) where a replacement cannot be found within the notice period given by the worker, provided that the employer consults with the worker in order to establish alternative dates when such leave may be availed of, in such a way to avoid indefinite postponement of the requested parental leave;".

8. Ir-regolament 9 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"**9**. Kull ħaddiem għandu d-dritt għal-leave tal-persuni li jindukraw ta' ħamest ijiem (5) tax-xogħol fis-sena li għandu jitħallas mid-Direttur tas-Sigurtà Soċjali u għandu jkun ikkalkolat pro rata tas-salarju bażiku medju fix-xahar ippubblikat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-lstatistika għall-kwart preċedenti:

Iżda l-ħaddiem għandu jippreżenta prova medika illi l-qarib jew persuna illi tgħix fl-istess dar mal-ħaddiem, illi minħabba fih jew fiha ntalab leave tal-persuni li jindukraw, qiegħed jew qiegħda tbati minn marda u teħtieġ kura u appoġġ."

u fil-verżjoni bil-lingwa Ingliża għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“**9**. Each worker has the right to carers’ leave of five (5) working days per year, which shall be paid by the Director of Social Security and shall be calculated pro rata of the average monthly basic salary published by the National Statistics Office for the previous quarter:

Provided that the worker shall present medical proof that the relative, or person who lives in the same household as the worker and in relation to whom carers’ leave is requested, is suffering from an illness and is in need of care and support.”.

9. Wara r-regolament 10 għandu jiżdied dan ir-regolament il-ġdid:

“**10A**. Il-ġenituri li jaħdmu għal rashom huma intitolati għal-leave tal-paternità u għal-leave tal-ġenituri u għal-leave tal-persuni li jindukraw bl-istess kundizzjonijiet bħall-ġenituri impjegati, li għandhom jitħallsu mid-Direttur tas-Sigurtà Soċjali u għandhom ikunu kkalkolati pro rata tas-salarju bażiku medju fix-xahar ippubblikat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-lstatistika għall-kwart preċedenti.”

u fil-verżjoni bil-lingwa Ingliża għandu jiżdied dan ir-regolament il-ġdid:

“**10A**. Self-employed parents shall be entitled to paternity leave, parental leave and carers’ leave on the same conditions as those applying to parents who are employed, which shall be paid by the Director of Social Security and shall be calculated pro rata of the average monthly basic salary published by the National Statistics Office for the previous quarter.”.

L-Onor. Ivan Castillo ssekonda.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li kien intlaħaq qbil li li-ħin tal-interuzzjoni tax-xogħol ikun estiż b’15-il minuta li ttieħdu biex tinqara l-mozzjoni. Huwa informa wkkoll li l-ħin tas-seduta kellu jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Oppożizzjoni u kelliema tal-Gvern, bil-ftuħ u l-għeluq għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Graziella Attard Previ, l-Onor. Amanda Spiteri Grech, l-Onor. Graziella Galea, l-Onor. Rosianne Cutajar, l-Onor. Claudette Buttigieg, l-Onor. Andy Ellul u l-Onor. Ivan Castillo.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 984 Flyer tal-MPE David Casa dwar il-Work-Life Balance Directive.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Ivan Castillo, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 985 Ittra indirizzata lis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali dwar l-Avviż Legali 201 tal-2022 mibgħuta minn Dr Angele Deguara f’isem diversi għaqdiet attivi Maltin datata 5 ta’ Awwissu 2022; u

P.L. 986 Ittra indirizzata lil Dr Angele Deguara mibgħuta mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali datata 9 ta’ Awwissu 2022 bi tweġiba għall-ittra indirizzata lis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali dwar l-Avviż Legali 201 tal-2022 mibgħuta minn Dr Angele Deguara f’isem diversi għaqdiet attivi Maltin datata 5 ta’ Awwissu 2022.

F’12.03 p.m., meta l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija fuq il-Mozzjoni intalbet votazzjoni, li skont ftehim milħuq skont il-Mozzjoni ta’ Proċedura Nru 87, kellha tittieħed it-Tnejn, 19 ta’ Diċembru 2022.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għal nhar l-Erbgħa, 30 ta' Novembru 2022 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att kontra l-Money Laundering | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ippjanar tal-Iżvilupp | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri tar-Raba' | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi biex jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika | L-Ewwel Qari |

| | |
|---|---|
| | Votazzjoni |
| Mozzjoni biex temenda l-Avviż Legali 201 tal-2022 - Regolamenti tal-2022 dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata għall-Ġenituri u għall-Persuni li jindukraw | Votazzjoni |
| Estimi Ġenerali 2023 - Kumitat ta' Provvista<br>- Votazzjonijiet fuq l-emendi u r-riżoluzzjonijiet imressqa taħt kull Ministeru<br>- Approprjazzjoni għas-sena 2023 u Tieni Approprjazzjoni għas-sena 2022 | L-Istadji kollha |

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi tal-Kummerċ | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi ta' Qabel l-Insolvenza | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Prattikanti fl-Insolvenza | Kumitat Permanenti |

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont ftehim milħuq fis-seduta tal-ġurnata ta' qabel, il-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

F'12.04 pm l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 30 ta' Novembru 2022 fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**